MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Numru. 349/2002

**Arikolu 261, 267, 270, 271, 279, 280, 334, 228, 328, 51**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**Artikolu 15(1)(2)**
**tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**artikolu 3, 21**
**tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**
**V**

**CHARLES AZZOPARDI**
**ETIENNE PAWNEY**

**Seduta ta' llum, 11 ta' Ottubru, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CHARLES AZZOPARDI** ta' sbatax il-sena, bin Emanuel u Theresa nee Falzon, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu, 1985 u residenti 124, 'Dar il-Karmnu', Vjal il-Labour, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 192685M u **ETIENNE PAWNEY** ta' sittax il-sena, bin James u Rita nee Grima, imwieled Pieta nhar t-tletax ta' Gunju, 1985 u residenti Flat 11, Binja Hamrija, Triq l-Eghnieq, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 309185M gew imressqa quddiemha akkuzati talli fl-erbgha ta' Marzu, 2002 filghaxija fin-Naxxar;

1. Ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612 ghad-dannu ta' Andreas Nelles minn Naxxar, liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi xjenement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe serq, u xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom.

**Lil Charles Azzopardi wahdu:**

a. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-erbgha ta' Marzu, 2002 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda, saq diversi vetturi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

b. Talli fl-erbgha ta' Marzu, 2002 filghaxija fin-Naxxar, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta ghar-riskju ta' terzi persuni.

c. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi meta kien involut f'incident tat-traffiku bhala sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612, naqas li jieqaf biex jaghti ismu u l-indirizz, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura

u l-marka jew in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura bil-mutur.

d. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel reat taht din l-Ordinanza Kap 104 jew taht regolamenti maghmulin bis-sahha taghha, rrifjuta li jaghti l-isem jew indirizz tieghu jew jaghti isem jew indirizz falz, ikun hati ta' reat taht din l-Ordinanza u li naqas li jaghti kull informazzjoni li kien setgha jaghti li setghet tiswa biex jingharaf minn huwa d-driver u biex jinqabad u jekk jonqos li jaghti din l-informazzjoni jkun hati ta' reat taht din l-Ordinanza.

e. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna hsara involuntarja fuq il-vettura tal-ghamla Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni PIR 100 u dan ghad-detriment ta' Dario Pirotta minn Tas Sliema.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija l-imputat Charles Azzopardi ghandu jigi skwalifikat miklli jiehu jew jkollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' April, 2002 esibit f'dawn l-atti a fol 11 w immarkat bhala dokument CSH 4.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat Etienne Pawney jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed issostni li nhar l-erbgha ta' Marzu, 2002 l-imputati serqu vettura tal-ghamla Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612 minn Naxxar u li sussegwentement Charles Azzopardi habat biha w kkaguna hsara involuntarja fuq il-vettura tal-ghamla

Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni PIR 100 u dan ghad-detriment ta' Dario Pirotta minn Tas Sliema.

Illi dwar l-akkuzi fil-konfront ta' Charles Azzopardi u cioe ta' sewqan minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u bla polza ta' sigurta ghar-risji ta' terzi persuni, l-imputat fis-seduta tas-sittax ta' Settembru, 2002 irregistra ammissjoni.

Illi pero dwar l-akkuza principali u cioe dik ta' serq moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati, id-Difiza ma taqbilx ghaliex hija ssostni li semmai tirrizulta biss l-akkuza ta' *furto d'uso* kif kontemplat fl-artikolu 288 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha strahet principalment fuq iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati esibiti bhala dokumenti CSH 5 u CSH 6 a fol 12 et seq tal-atti odjerni. Illi fil-fehma taghha, din hija r-regina tal-provi, hija sostniet li f'dawn l-istqarrijiet hemm ammissjoni filwaqt li d-Difiza ssostni li ma hemm l-ebda ammissjoni ghar-reat ta' serq izda semmai, jirrizulta l-element ta' reat ta' *furto d'uso*.

Kif tajjeb ssolleva l-Ufficjal Prosekutur meta ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Felice** li ghalkemm l-ligi taghna ma taghtix d-definizzjoni ta' serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li s-serq huwa l-kontrattazzjoni doluza ta' haga mobbli li ghandha valur, maghmul ghad-dannu u kontra l-volunta tas-sid bi skop li jsir minnha profitt.

Issa a bazi ghal din d-definizzjoni biex ikun hemm d-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:

a. l-impossessiment tal-haga;
b. li dik il-haga tkun ta' haddiehor;
c. li dak l-impossessiment isir kontra l-volunta tas-sid tal-haga; u
d. d-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa, isir profitt.

Dwar r-reat ta' *furto d'uso*, il-ligi taghna fl-artikolu 288 tal-Kap 9 jghid:

*" The gain contemplated by the offender is the mere use of the thing with intention to restore some immediately."*

Ghalhekk fil-kaz ta' *furto d'uso* kuntrarjament ghal hsieb fis-serq, li huwa li tapproprja haga ta' haddiehor b'mod permanenti, il-hsieb huwa uzu temporanju ta' haga.

**Carrara** fil-***Vol IV pg. 2939 - Programma del Corso di Diritto Criminale*** jghid;

*"…ma e' il-caso di chi abbia sottratto la cosa altrui non con fine di appropriarsela, ma col fine di servirsene ad un suo bisogno e poscia restituirle per determinare il valore del tolto ne furto di uso non si deve stimare la proprieta' della cosa ma arbitrare il prezzo del godimento procuratosi."*

Ghalhekk il-fattur determinati biex wiehed jara jekk hemmx reat ta' *furto d'uso* huwa semplicement jekk kienex hemm serq biex isir uzu temporanju mill-haga misruqa minghajr l-intenzjoni li japproprja ruhu minnha.

Minn ezami tal-istqarrija ta' Charles Azzopardi rilaxxjata nhar s-sebgha ta' Marzu 2002 b'mod voluntarju, jirrizulta minn risposta moghtija mill-imputat fuq domanda tal-Ufficjal Investigattiv, li l-karozza hadha biex idur biha u meta gie mistoqsi ghaliex ma rritornax il-vettura u cioe poggiha fejn kien hadha, huwa wiegeb li m'ghamilx hekk ghal laqatha.

**Etienne Pawney** a fol 13 wkoll jghid li l-karozza hadha biex imur dawra biha w imbaghad jpoggiha f'postha u mistoqsi ghaliex ma poggihiex lura f'postha huwa wiegeb "*ghaliex l-iehor beza' u telaq 'l hemm.*"

Illi ghalhekk jirrizulta li dak li ghamlu l-imputati jaqa taht d-definizzjoni tal-artikolu 288 tal-Kap 9 u dan ghaliex meta l-ligi titkellem fuq serq semplici fl-artikolu 288, hi qed

tirreferi mhux ghas-serq ta' haga mehuda, izda ghas-semplici uzu temporanju taghha, jigifieri fejn il-gwadann kontemplat mill-awtur tar-reat hu biss dak li jaghmel uzu temporanju tal-haga bil-hsieb specifiku li dak l-oggett eventwalment jirritornah lura lil sidu.

Hu proprju dan l-element ta' lukru li jiddistingwi r-reat ta' *furto d'uso* taht l-artikolu 288 tal-Kap 9 mid-delitt ta' serq taht l-artikolu 261 et seq.

L-imputati ma kienux talbu l-permess ta' sidha sabiex jiehdu l-vettura Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612. L-iskop li ghalih huma kienu hadu dik il-vettura kien wiehed ta' lukru jew gwadann, konsistenti f'dan il-kaz in ezami u kif jirrizulta car mill-provi, semplicement fid-dawra biha, il-*jolly ride* cioe fl-uzu temporanju tal-vettura.

Kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v Eric Soler** ***deciza nhar l-ghoxrin ta' Novembru, 2000*** :

"*Il-gwadann jikkonsisti fl-uzu temporanju tal-haga mehuda jemergi car minn dak li hemm dispost fl-artikoli taht l-Kap 9 u l-Kap 65, meta l-utili, il-gwadann jew lukru li jkollu fi hsiebu l-hati ikun dak ta' l-uzu biss tal-haga bil-hsieb li dik il-haga jroddha lura minnufih.*"

Dan kollu jfisser, meta kif jghid **l-Professur Mamo fin-*Noti tieghu***, li dan r-reat ta' *furto d'uso* ta' xi haga jirrizulta meta jigu ppruvat li:

"*The gain intended by the gain intended by the thief consists merely in the temporary use of thye thing stolen without the intention or his part of, appropriating the thing permanently e.g. the maid who takes her mistress's jewellery to adorn herself on a special occasion intending to restore the same immediately thereafter or the man who takes a car from a car park to go for a drive, intending subsequently to take it back to the same place.* "
[sottolinear tal-Qorti]

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija propensa taqbel mad-Difiza li f'dan il-kaz ma hemmx reat ta' serq u ghalhekk qed tilliberahom minn dan r-reat bl-aggravji tal-valur, mezz u natura tal-haga misruqa u minflok qed ssibhom hatja tar-reat ta' *furto d'uso*.

Illi dwar r-reat ta' ricettazzjoni li nghata mill-Prosekuzzjoni bhal reat alternattiv, il-Qorti qed tasjteni milli tiehu konjizzjoni teighu peress li diga sabet lil imputati hatja ta' reat ta' *furto d'uso*.

Dwar r-reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku (Kap 65) u minghajr Insurance (Kap 104) moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat Charles Azzopardi, apparti dawk z-zewg akkuzi, l-imputat irregistra ammissjoni u l-Qorti qed issibu hati wkoll b'mod partikolari talli meta kien involut f'incident tat-traffiku bhala sewwieq tal-vettura tal-ghamla Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni BBE 612naqas li jaghti ismu u l-indirizz ta' sid il-vettura u l-marka jew numru ta' registrazzjoni tal-vettur u talli naqas li jaghti kull informazjoni li setgha jaghti li tiswa biex jingharaf u jinqabad min kien d-driver tal-vettura mahbuta.

Dwar il-hames akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni kontra Charles Azzopardi, u cioe ta' hsara involuntarja kagjonat minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu waqt s-sewqan, **il-Qorti semghet lil Dario Pirotta jixhed nhar l-ghaxra ta' Gunju, 2002** u minn apprezzament tax-xhieda tieghu, l-ewwel jirrizulta li wara l-incident ma setghax jara l-hsara li kellu fil-vettura tieghu peress li l-vettura tieghu u dik misjuqa minn Charles Azzopardi kienu f'xulxin, filwaqt li aktar tard fix-xhieda tieghu jghid li rrangaw l-ispejjes bejniethom.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mad-Difiza u tghid li ma kienx hemm spejjes izda thoss li l-akkuza ta' hsara involuntarja tirrizulta ppruvata ai termini tal-artikolu 328(d).

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-arikolu 261, 267, 270, 271, 279, 280, 334, 228, 328, 51 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3, 21 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed ssib lil imputat ETIENNE PAWNEY hati tal-akkuza ta' furto d'uso u mhux hati tal-akkuzi ta' serq aggravat u tilliberah minnhom u tastjeni miolli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni moghtija fil-konfront tieghu.**

**Fir-rigward l-imputat l-iehor u cioe CHARLES AZZOPARDI, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni mill-liema akkuza qed tilliberah u tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni moghtija fil-konfront tieghu.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedfina penali tal-imptuati esibiti a fol 9 u 10 tal-atti markati bhala dokumenti CSH 2 u CSH 3, liema fedina penali huma indellibli u minghajr ebda tebgha jew kontravenzjoni registrata fuqhom.**

**Rat li l-imputati ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala first time offenders.**

**Rat li l-imputati kellhom eta tenera meta gew mressqa l-Qorti w ikkomettew r-reati addebitati lilhom ghaliex kellhom biss sbatax u sittax il-sena rispettivament.**

**Rat li l-imputati kkolloboraw bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe sal-mument tar-rilaxx tal-istqarrija taghhom u ghalhekk dan huwa wkoll fattur mitiganti ghal piena.**

**Ghalhekk il-Qorti fil-konfront tal-imputat <u>ETIENNE PAWNEY tiddikjara li qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum</u> ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddijara li qed tpoggi lil imputat <u>CHARLES AZZOPARDI taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar</u> u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Probation Officer Carmen Borg sabiex taghmel s-supervizzjoni rikjesta ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qaed tikkundanna lil imputat CHARLES AZZOPARDI ghal hlas ta' multa ta' tletin lira maltin bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li jigi skwalifikat milli jottjeni licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' sena minn meta jaghlaq t-tmintax il-sena ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din s-sentenza lil imputati li minn naha taghhom ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikat lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**